**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**KAZ ASF 027/2022**

**ZJ**

**(l-ilmentatur)**

**vs**

**MAPFRE Middlesea p.l.c. (C 5553)**

**(l-assikurazzjoni/il-provditur tas-servizz)**

**Seduta tat-22 ta' Frar 2023**

**L-Arbitru,**

Ra l-ilment[1] fejn l-ilmentatur issottometta illi d-dghajsa li dwarha qed jaghmel l-ilment tpoggiet fil-*boat yard* fejn kien izommha f'Ottubru 2021. Il-posti ta' wara tac-centru tqieghdu hazin minn min kien garrlu d-dghajsa ghaliex il-posti saru f'post fejn mhux suppost u, cioè, fejn hemm il-post ta' fejn hemm il-generatur u mhux fil-post specifiku fejn suppost tpoggew. Minhabba f'hekk sar xaqq fil-qiegh tad-dghajsa peress li l-piz tad-dghajsa u tal-magni ghamlu stress fuq id-dghajsa.

Sid il-*boat yard* fejn kienet ingarret id-dghajsa innota qtar tal-ilma mal-qiegh tad-dghajsa fuq wara fejn kienet imqieghda fuq il-gebel. Cempel lill-ilmentatur li min-naha tieghu cempel lil min kien garrlu d-dghajsa u qallu biex ipoggiha kif suppost kif, fil-fatt, ghamel. L-ilmentatur ikkuntattja persuna li kienet issewwi d-dghajjes li wara hafna dewmien tah stima ta' €1,800.

Meta beda jikxef id-dghajsa mill-*antifouiling*, min kien qed isewwi d-dghajsa qal lill-ilmentatur li l-hsara kienet akbar milli haseb u qallu biex jaghmel *claim*. Mar

[1] Pagna (P) 3

is-*surveyor* tal-provditur tas-servizz u ssuggerixxa li jinqala' l-generatur ghall-ispezzjoni minn gewwa. Il-mekkanik tal-ilmentatur qallu wkoll li kellhom jinqalghu il-makni u kien ser ikun hemm xoghol iehor kbir biex tissewwa.

L-assikurazzjoni ma laqghetx il-*claim* ghax qaltlu li l-*claim* kien ghamilha tard; li d-dghajsa kienet imsewwija fl-istess post u talli tliet snin qabel il-provditur tas-servizz kien qallu biex jirranga xi hsara li l-ilmentatur fil-fatt m'ghamilx. Is-*surveyor* tal-assikurazzjoni qallu li l-hsara kien ilha gejja u kienet hsara gradwali.

Id-dghajsa kien ilha ghand l-ilmentatur xi ghaxar snin u kull sena kien ipprezenta *survey report* fejn dejjem qalulu li l-qiegh tad-dghajsa kien tajjeb. Fid-dghajsa qatt ma kien dahallu ilma f'dawn l-ahhar ghaxar snin.

L-ilmentatur talab is-somma ta' €1,200 ghall-hsara li garrab fl-incident imsemmi.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li tghid:**

Li permezz tal-prezenti ittra responsiva s-socjetà qed tirrespingi l-pretenzjonijiet ta' ZJ stante li t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Il-fatti tal-kaz odjern huma s-sussegwenti:

a) Il-polza relattiva tal-assikurazzjoni b'referenza P9200XXX4-21 hi tat-tip *Boat Insurance Cover* u kienet tkopri l-perjodu mit-23 ta' Gunju 2020 sat-23 ta' Gunju 2021.

b) Qabel Gunju tal-2020 kienu saru tiswijiet temporanji fuq id-dghajsa tar-rikorrenti u dan hekk kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dan il-kaz. Dawn it-tiswijiet temporanji ma gewx a konjizzjoni tas-socjetà esponenti dak iz-zmien qabel Gunju tal-2020. Dawn it-tiswijiet temporanji gew zvelati biss *tramite l-claim survey report*.[2]

c) Illi fit-18 ta' Gunju 2020, gie appuntat *surveyor* sabiex jaghmel *pre-risk survey*. Dan is-*survey* maghruf ukoll bhala *Condition and Valuation Report,* isir kull sentejn mis-socjetà assikurattiva. Meta s-*surveyor* evalwa d-dghajsa, d-dghajsa kienet ghadha bl-*antifouling* u b'hekk ma kienx possibbli li s-*surveyor* jinnota certu danni u qsim fid-dghajsa. F'dan l-

[2] Vide DOK MMS A, Sezzjoni 15, *a fol.* 10

istadju l-ilmentatur kellu l-obbligu li jinforma lis-socjetà assikurattiva li d-dghajsa kienet sofriet xi danni u li kienu saru tiswijiet temporanji.

d) Illi r-rikorrenti qed jishaq li pogga d-dghajsa fil-*boat yard – Baglu Boat Yard*, gewwa San Gwann fl-14 t'Ottubru 2020 u gimgha wara kkuntattjah sid il-*boatyard* li nnota ilma hiereg mill-qiegh tad-dghajsa. Ir-rikorrenti jkompli jallega li l-hsarat iggarbu minn sid il-*boatyard* f'Ottubru 2020. Izda lanqas f'dak l-istadju ma nforma lis-socjetà esponenti, u sid il-*boatyard* jinnega definittivamnt li d-dghajsa garrbet hsara waqt li kienet ghandu.

e) Illi kienu biss fis-6 ta'April 2021 li r-rikorrenti informa lis-socjetà esponenti bil-hasrat li allegatament kienu saru f'Ottubru tal-2020.

f) Illi fl-4 ta' Mejju 2021 inhareg il-*claim survey report* maghmul minn *Oceanus Marine Limited*, hawn anness bhala Dok MMS A, fejn l-istima ghat-tiswijiet mehtiega sabiex id-dghajsa tkun tista' tigi iccertifikata bhala *seaworthy*, kienet ghal massimu ta' disat elef Ewro (€9,000). Dan ir-rapport ikkonkluda li '***the damages are old damages** which may have been caused as described in section 12.'*

g) Wara li s-socjetà esponenti ikkunsidrat kemm il-klawsoli relattivi tal-polza (hawn annessa bhala DOK MMS B) kif ukoll il-*claim survey report* tal-4 ta' Mejju 2021, ikkonkludiet li kien hemm ksur car tal-polza da parti tar-rikorrenti; u b'hekk is-socjetà esponenti fl-10 ta' Mejju 2021 irrifjutat il-*claim* maghmula mir-rikorrenti. Is-socjetà esponenti ghal ragunijiet ta' ksur aggravat tal-polza, li ser jigu esposti 'l quddiem, ma offrietx it-tigdid tal-polza lir-rikorrenti.

h) Li huwa maghruf li r-rikorrenti hareg polza tal-assikurazzjoni fuq id-dghajsa in kwistjoni ma' *GasanMamo Insurance* u fis-6 ta' Ottubru 2021, is-socjetà esponenti giet infurmata minn *GasanMamo Insurance* li r-rikorrenti ZJ fetah *claim* ma' *GasanMamo Insurance* fir-rigward tal-istess dghajsa, bl-istess hsarat. Illi fil-*claim* ma' *GasanMamo Insurance*, ZJ allega li fl-20 ta' Settembru 2021, l-istess dghajsa in kwistjoni garrbet l-istess hsarat u, skont il-verzjoni tal-fatti moghtija minn ZJ lil *GasanMamo Insurance*, ir-rikorrenti allega li l-hsarat iggarrbu f'Settembru 2021 hekk kif dedott fil-*claim survey report* maghmul ghal *GasanMamo Insurance*,

mill-istess *surveyor* (*Oceanus Marine Limited*) hawn anness bhala Dok MMS C.

i) Illi f'Marzu 2022 inbdew dawn il-proceduri u r-rikorrenti qieghed jitlob lis-socjetà assikurattiva l-ammont ta' €1,200 ghal hsarat deskritti fl-ilment tar-rikorrenti li huma *tale quale* mal-hsarat li fuqha nfethet il-*claim* mas-socjetà esponenti.

Ghaldaqstant u in vista tal-premess l-esponenti titlob bir-rispett li t-talba tas-Sur ZJ tigi michuda u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1) Illi fl-ewwel lok kemm il-*claims* maghmula maz-zewg socjetajiet assikuratrici, kif ukoll dan l-ilment *de quo*, huma kollha atti li fuqhom ghandu jigi applikat il-principju legali *fraus omnia corrumpit*. Meta ZJ ma nfumax lis-socjetà esponenti kif ukoll lil dan l-Ufficcju tal-Arbitragg, bil-hsarat imgarrba qabel Gunju tal-2020, kif ukoll ma zvelax li kienu saru tiswijiet temporanji m'huwiex biss ksur tal-polza taht diversi klawsoli, izda wkoll jammonta ghal intenzjoni li jiffroda kemm b'allegazzjoijiet mhux veritiera kif ukoll b'nuqqas ta' zvelar tal-fatti korretti u veritiera, b'attentat li jaghmel *claim* ma' zewg assikuraturi fuq danni li kienu sehhew hafna qabel u b'mod iehor, liema mod mhux maghruf.

2) Illi fl-opinjoni umli tal-esponent dan huwa attentat car ta' *insurance fraud* fejn ir-rikorrenti pprova jinqeda b'zewg incidenti li ma kellhom x'jaqsmu xejn mad-danni originali sabiex jaghmel *claim* maz-zewg assikuraturi, liema *claims* lanqas jaqblu bejniethom. U dan kif jirrizulta wkoll miz-zewg rapporti indipendenti tas-*surveyor* li huwa wkoll lest li jikkonferma dan bil-gurament.

3) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, meta l-ilmentatur hejja biss tiswijiet temporanji u qatt ma hejja t-tiswijiet kollha necessarji u kif suggeriti lilu, naqas milli jzomm id-dghajsa tieghu fi stat *seaworthy*, hekk kif kien rikjest mill-polza. Jinghad ukoll li hsarat li jithallew jiggravaw ghaliex ma jkunux issewwew bis-shih, jammonta mhux biss ghal nuqqas ta' manutenzjoni izda wkoll li l-hsarat odjerni huma hsarat ikkawzati b'mod gradwali u b'hekk ma jaqghux taht il-kopertura tal-polza.

4) Illi jekk wiehed ipotetikament iserrah fuq l-istqarrija tal-ilmentatur li l-hsarat gew imgarrba, jew ahjar, li l-ilmentatur sar jaf bil-hsarat fil-gimgha ta' wara l-14 ta' Ottubru meta d-dghajsa kienet fil-*boatyard*, l-ilmentatur ma nfurmax lis-socjetà esponenti immedjatament bil-hsarat, izda nfurmaha sitt xhur wara fis-6 t'April 2021.

5) Sabiex tigi milqugha l-*claim*, irid jigi determinat jekk il-polza tal-assigurazzjoni hix applikabbli. Dan ghaliex il-polza ma tipprovdix kopertura assoluta, izda l-kopertura tapplika biss sal-limiti li toffri l-polza, u jekk dejjem ma jkunx hemm ksur tal-polza nnifisha. In-natura legali tal-polza hi ta' kuntratt bilaterali, u tibqa' valida biss sakemm il-partijiet kollha jonoraw l-obbligi taghhom deskritti fil-polza.

6) Illi l-ilmentatur kiser is-sussegwenti klawsoli tal-polza:

   a. *This Policy, Schedule and Endorsement(s) (if any) together are evidence of the contract between you and MAPFRE Middlesea p.l.c. based on the information given to us and the declaration made on the proposal form. In return for receiving and accepting the premium, we will provide insurance within the Navigational Limits in accordance with the terms and conditions of this Policy. You should read these documents and check them carefully to ensure they provide you with the cover you require.* ***It is important that you advise us immediately whenever any changes occur that affect what you have disclosed to us.***[3]

   b. *We will provide cover under this Policy* ***only if the material information you gave us when applying for insurance or when making a claim is true*** *as far as you know. To be covered by this Policy, you must keep to the terms, conditions, warranties and Endorsement(s) of this Policy.*[4]

   c. *To include clause re lack of maintenance and gradually operating cause.*

[3] Il-Polza (DOK MMS B) *Preamble Clause* 1, *a fol.* 1
[4] Il-Polza (DOK MMS B) *General Conditions*, numru 1, *a fol.* 11

d. *We will not cover or pay for: ... loss or damage or any liabilities arising as a result of your failure to maintain the Boat in a seaworthy condition or to exercise due diligence.*[5]

e. *You must use due care and diligence and ensure that the Boat is maintained in a seaworthy condition at all times, in conformity with any applicable safety regulations including those relating to life safety equipment and safeguard it from loss or damage.*[6]

f. *We will not cover you for: (ii) loss or damage directly caused by wear and tear, corrosion, depreciation, **gradual deterioration,** damp, mould, mildew, marine life, vermin, moth electrolysis, osmosis or like or similar conditions ... (xiv) **gradual seepage or incursion of water** into the Boat as a result of the Boat not being watertight.*[7]

g. *As soon as you become aware of an event or cause that may lead to a claim under this Policy, you or your legal representativees must: ... (a) tell us immediately and provide us at your own expense with all the information and help we need.*[8]

7) Meta wiehed jagixxi kontra dawn il-kundizzjonijiet fuq imsemmija sabiex jottjeni gwadann ta' kumpens li ma jisthoqqlux taht il-polza, jigi dedott li hemm intenzjoni malizzjuza u intenzjoni ta' frodi.

8) Illi fl-ahhar lok, is-socjetà esponenti ma tistax tifhem ghaliex qieghda ssir it-talba quddiem dan l-Ufficcju tal-Arbitragg ta' elf u mitejn Ewro (€1,200) stante li sabiex isiru t-tiswijiet necessarji fuq id-dghajsa tar-rikorrenti jammontaw ghal ammont ta' bejn sebat elef u tmien mitt Ewro (€7,800) ghal disat elef Ewro (€9,000).[9]

B'hekk is-socjetà assikuratrici tissottometti li t-talba ghall-hlas hija eskluza *ai termini* tal-istess polza u m'hemmx lok li tigi milqugha l-*claim*.

[5] Il-Polza (DOK MMS B) *General Conditions, exclusion x, a fol.* 9
[6] Il-Polza (DOK MMS B) *General Conditions*, numru 3, *a fol.* 11
[7] Il-Polza (DOK MMS B) *Section* 1 – *Accidental damage to your boat*, numru ii, *a fol.* 5
[8] Il-Polza (DOK MMS B) *General Conditions*, numru 6(a), *a fol.* 11
[9] *Claim Survey Report* (DOK MMS A*) a fol.* 10

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra**

Il-kaz jittratta r-rifjut mill-kumpanija assikuratrici tal-*claim* li ghamel l-ilmentatur rigwardanti l-hsara imsemmija aktar 'il fuq f'din id-decizjoni.L-ilmentatur isostni li kienet gratlu hsara fid-dghajsa mill-persuna li kienet garritlu d-dghajsa peress li d-dghajsa ma serrahhiex kif suppost fuq il-gebel. Kien wara li kellmu l-ilmentatur li ghamel id-dghajsa fuq il-gebel kif suppost.

Il-provditur tas-servizz irrifjuta li jindemnizza lill-ilmentatur ghal dawn ir-ragunijiet:

1. Illi l-ilmentatur kellu jaghmel tiswijiet ta' natura permanenti fid-dghajsa, haga li m'ghamilx. Anzi kien ghamel tiswijiet temporanji u, ghalhekk, ikkontribwixxa ghall-hsara hu stess. Barra minn hekk, il-hsara sehhet gradwalment, eventwalitàli mhix koperta bil-polza.

2. Illi l-ilmentatur qed jipprova jiffroda lill-provditur tas-servizz anke billi ghamel talba simili lill-kumpanija tal-assikurazzjoni ohra.

3. Illi l-ilmentatur kiser dawn il-klawsoli tal-polza: *Preamble* klawsola 1, *General Conditions* 1, 3, 6a.

L-Arbitru ser iqis jekk ir-rifjut tal-assikurazzjoni kienx wiehed **gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[10]

***Kronologija***

*6 t'April 2021 -* *email* tal-ilmentatur lil Samwel Vella ta' MAPFRE jinfurmah li f'Ottubru gratlu l-hsara fid-dghajsa.

*8 t'April 2021-* *Claims Handler* ta' MAPFRE tibghat formola tal-*claim* u tghid lill-ilmentatur sabiex jindika ezattament id-data tal-hsara u biex jaghmel *claim* formali fuq il-formola.

[10] Kap 555, Art. 19(3)(b)

*8 t'April 2021* - l-ilmentatur jindika l-14 t'Ottubru 2020 bhala d-data ta' meta nduna bil-hsara. Baghat il-*claim form*.

*8 t'April 2021* - Il-*claim form*. Fil-*claim form* hemm indikat li l-hsara saret fl-14 t'Ottubru 2020.

*8 t'April 2021* - il-*Claims Handler* tistaqsih ir-raguni ghalfejn dam sitt xhur biex ghamel il-*claim*.

*14 t'April 2021* - l-ilmentatur ma jwegibx ghalfejn dam dak iz-zmien kollu qabel ghamel il-*claim* izda jaghti r-ragunijiet ghalfejn saret il-hsara.

*15 t'April 2021* - il-*Claims Handler* tinforma lill-ilmentatur li kienu qed jiddiskutu l-*claim* mas-*surveyor*.

*19 t'April 2021* - l-ilmentatur jinfurmaha li s-*surveyor* seta' jkellem lil min kien ser isewwi l-*fibre glass*.

*10 ta' Mejju 2021* - il-*Claims Handler* tibghat *email* twila fejn tinforma lill-ilmentatur li l-*claim* tieghu giet michuda ghal diversi ragunijiet, fosthom, li hu ma kienx wera lil min kien ghamillu s-*survey report* fl-2020 b'tiswijiet temporanji li kien ghamel u, ghalhekk, kien heba fatti materjali.

Giet ikkwotata l-polza fejn, fost affarijiet ohra, hemm imsemmi li:

'*We will provide cover under this policy only if the material information you gave us when applying for insurance or when making a claim is true as far as you know*.'

Barra minn hekk, il-hsara kienet wahda gradwali peress li kienu saru tiswijiet temporanji xi tliet snin qabel u, ghalhekk, id-dghajsa ma nzammitx f'kundizzjoni tajba ghat-tbahhir.

Barra minn hekk, il-*claim* giet michuda wkoll ghaliex il-*claim* saret wara hafna zmien u mhux immedjatament kif tipprovdi l-polza.

*10 ta' Mejju 2021* - l-ilmentatur iwiegeb li t-tiswijiet li saru tliet snin qabel ma kinux fuq il-'*hull*' izda fuq il-'*platform*' u *survey reports* precedent kienu juru li ma kellux hsara fil-'*hull*'.

Dwar '*late notification'* jghid li ma kinetx l-intenzjoni tieghu li jikklejmja ghaliex haseb li kellu hsara zghira u wkoll dam ma sab xi hadd li seta' jsewwilu d-dghajsa. Hekk kif qalulu li kellu hsara kbira, ghamel il-*claim*.

***Konsiderazzjonijiet ohra***

*Allegazzjoni ta' frodi* – Din hija eccezzjoni li jaghmel il-provditur tas-servizz fir-risposta tieghu fejn jallega li l-ilmentatur pprova jiffroda lill-kumpanija ghaliex heba tiswijiet li kien ghamel snin qabel; u t-tieni, ghaliex ghamel zewg *claims* ma' zewg kumpaniji assikuratrici differenti. Ghalhekk, skont il-provditur tas-servizz, l-ilmentatur qed jipprova jqarraq u '*fraus omnia corrumpit'*.

Minn analizi li ghamel l-Arbitru tal-fatti kollha tal-kaz, ma jirrizultalux li l-ilmentatur ipprova jiffroda lill-provditur tas-servizz. L-allegazzjoni ta' frodi ta' assikurazzjoni (*insurance fraud*) hija wahda serja u trid tigi ippruvata b'fatti konkreti li jippruvaw l-intenzjoni tal-qerq min-naha tal-assikuratur.

Dwar l-ewwel raguni li ta l-provditur tas-servizz dwar hsarat precedenti, anke s-*surveyor* imqabbad mill-istess provditur tas-servizz, ghamel biss suppozizzjonijiet u, fi kliemu stess, peress li kienu lahqu saru xi tiswijiet, kien difficli ghalih li jghid b'mod specifiku x'kienu t-tiswijiet li saru. Ghalhekk m'hemmx prova konkreta li l-ilmentatur ghamel xoghlijiet u heba difetti **biex iqarraq**.

Anzi l-Arbitru jifhem li, kif xehed l-ilmentatur, hu kien jaghmel il-*maintenance* mehtiega sabiex ikun jista' jnizzel id-dghajsa. Dwar jekk it-tiswijiet li kien jaghmel l-ilmentatur kinux bizzejjed jew sempliciment kien qed jillapazza sabiex jinqeda temporanjament dik hi storja ohra. Però, ghall-fini ta' din l-eccezzjoni, fejn il-provditur tas-serviz jipprova jghid li t-tiswijiet temporanji kienu qed isiru biex l-ilmentatur iqarraq, l-Arbitru ma jhossx li dan hu minnu. L-aktar meta ma hemm l-ebda prova daqstant specifika li tipprova l-intenzjoni hazina tal-ilmentatur. Barra minn hekk, il-fatt li l-ilmentatur ghamel *claim* ohra ma' kumpanija differenti, dak ma jfissirx li pprova jiffroda.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

***Claim li saret b'mod tardiv***

Il-provditur tas-servizz jghid li wahda mir-ragunijiet li rrifjuta l-*claim* kienet ghaliex l-ilmentatur ghamel il-claim **sitt xhur wara** li kien induna bil-hsara.

Ghalhekk l-Arbitru ser iqis din l-eccezzjoni.

Dwar dan ir-rekwizit, l-Arbitru ra l-polza tal-assikurazzjoni li tghid hekk:

*'General Conditions - Applicable to All Sections of the Policy*[11]

> *6. As soon as you become aware of an event or cause that may lead to a claim under this Policy, you or your legal representative must:*
>
> *a. tell us immediately and provide us at your own expense with all the information and help we need ...'.*

*Dewmien fin-notifika tal-claim*

L-Arbitru kellu okkazjonijiet ohra fejn ezamina x'jistghu ikunu l-konsegwenzi ta' notifika tardiva min-naha tal-assikurat lill-kumpanija assikuratrici.

Hemm diskussjoni shiha ta' x'ghandhom ikunu l-konsegwenzi guridici ta' notifikazzjoni tardiva tal-*claim*. Il-pozizzjoni tradizzjonali hija wahda tassattiva fis-sens li kien meqjus li huma x'inhuma c-cirkostanzi, galadarba l-assikurat baghat il-*claim* tard, allura, awtomatikament il-kumpanija assikuratrici tista' ma tqisx din il-*claim*.

Izda zviluppi aktar ricenti, specjalment fi Qrati ta' hafna stati Amerikani, tipprevali l-qaghda guridika li wiehed irid **iqis ic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz u l-kumpanija assikuratrici tkun tista' tichad il-*claim ab initio* jekk id-dewmien min-naha tal-assikurat jikkagunalha pregudizzju.**

L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. L-Arbitru jqis li l-pozizzjoni li hadu diversi Qrati fl-Istati Uniti, jigifieri, li jqisu jekk id-dewmien fil-prezentata tal-*claim* jistax iwassal ghall-pregudizzju tal-assikuratur, hija wahda aktar gusta, ekwa u ragonevoli milli l-qaghda tradizzjonali fejn hi x'inhi r-raguni, il-*claim* ghandha tigi michuda *ab initio* u lanqas biss tigi ikkunsidrata.

---

[11] P 138

**Dan għaliex huwa principju daqstant importanti li l-assikurazzjoni għandha tfittex kemm jista' jkun raġunijiet biex tilqa' l-*claim* u mhux biex tiċħadha. Dan joħroġ mill-għan ewlieni għalfejn l-assikurat jixtri polza tal-assikurazzjoni: sabiex jipproteġi ruħu kontra dawk ir-riskji li tkopri l-istess polza.**

**Imma min- naħa l-oħra, l-assikurat ukoll għandu l-obbligu li jaġixxi bl-istess *bona fede* billi jinforma lill-assikuratur kemm jista' jkun malajr wara li jkun seħħ inċident sabiex il-kumpanija assikuratriċi tkun f'qagħda li tistabbilixxi l-kawża tad-dannu u anke l-qies tal-ħsara. Il-mogħdija taż-żmien jista' faċilment joħloq preġudizzju lill-kumpanija assikuratriċi f'dan ir-rigward għaliex il-provi jistgħu jispiċċaw jekk anke għad-dirittura jiġu moħbija.**

**Għalhekk tajjeb jingħad ukoll li l-mogħdija taż-żmien minn mindu jseħħ inċident għal meta ssir il-*claim* hija relevanti. Hekk, per eżempju, f'ġurisprudenza barranija ssir distinzjoni bejn meta *claim* issir wara ftit ġranet jew inkella meta ssir wara diversi xhur jekk ukoll mhux snin. Fid-determinazzjoni tal-ħolqien tal-preġudizzju lill-assikurazzjoni jitqies ukoll jekk ir-raġuni għalfejn l-assikurat ikun għamel in-notifika tal-*claim* tard hijiex waħda ġustifikata jew kapriċċuża.**

Għalhekk, l-Arbitru jrid jara jekk mill-fatti kif ġraw f'dan il-każ, id-dewmien min-naħa tal-ilmentatur wassalx għall-ħolqien ta' dan il-preġudizzju lill-assikurazzjoni, u jekk il-kumpanija assikuratriċi kellhiex tiċħad il-*claim* minħabba d-dewmien fin-notifika tagħha.

**Il-Fatti speċifiċi ta' dan il-każ**

L-Arbitru ser japplika l-prinċipji 'l fuq imsemmija għall-fatti speċifiċi ta' dan il-każ.

Jirriżulta b'mod ċar li l-ilmentatur induna li kellu l-ħsara fl-14 ta' Ottubru 2020. Dan ikkonfermah kemm fil-korrispondenza li kellu mal-provditur tas-servizz kif ukoll fil-*claim form*.

**Iżda huwa għamel il-*claim* formali fit-8 t'April 2021, jiġifieri, ftit anqas minn sitt xhur wara li nduna bil-ħsara.**

Meta mistoqsi għalfejn dam daqshekk ma għamel l-ilment, l-ilmentatur qal li għaliex kien ħaseb li għandu ħsara minuri u wkoll għaliex dam ma sab lil xi ħadd biex isewwiħielu.

L-Arbitru ma kkonvinciex ruhu b'din it-twegiba ghal dawn ir-ragunijiet:

a. *L-entità tal-hsara* - L-Arbitru ma jqisx li din hi raguni valida. L-obbligu tal-ilmentatur kien li jinforma lill-assikurazzjoni immedjatament li jinduna bil-hsara. Kien ikun wara din in-notifika lill-assikurazzjoni li tigi stabbilita l-entità tal-hsara u dan anke wara lil-assikurazzjoni tqabbad is-*surveyor* taghha.

   L-Arbitru huwa konvint li l-ilmentatur, li hadem ukoll fil-qasam tal-assikurazzjoni, kien jaf li din kellha tkun il-procedura korretta. L-ghan li l-assikurazzjoni tinsisti li *claim* issir malajr huwa sabiex tkun tista' taghmel assessjar tajjeb tal-hsara u anke biex ikollha provi bizzejjed *a tempo vergine* sabiex tistabbilixxi jekk il-hsara sehhitx minhabba xi raguni li taqa' fil-parametri tal-polza. Ghalhekk, ir-raguni li ta l-ilmentatur f'dan ir-rigward ma titqiesx li hija wahda sufficjenti u valida.

b. *Id-dewmien fit-tiswija* - L-ilmentatur jghid ukoll li peress li ma tantx hawn nies tas-sengha li jsewwu d-dghajjes, dam ma sab lil xi hadd biex isewwilu l-hsara. Mill-provi jirrizulta li l-ilmentatur kien ilu sid tad-dghajsa ghal numru ta' snin u, ghalhekk, huwa probabbli li kien jaf ezatt min kien isewwi d-dghajjes. Anke jekk ix-xoghol ma setax isir mill-ewwel, l-ilmentatur kellu jinforma lill-assikurazzjoni li saritlu l-hsara u li ma setax jghid ezatt xi hsara kellu ghaliex certu xoghol kien ser jiehu xi ftit taz-zmien biex isir.

   Filwaqt li, kif digà intqal aktar 'il fuq f'din id-decizjoni, l-assikurazzjoni m'ghandhiex *ipso facto* tichad *claim* fuq id-dewmien jekk ma ssofrix dannu b'dak id-dewmien, fl-istess hin, l-assikurat ma jistax jaghmel il-*claim* meta jiftillu u meta jidhirlu hu. Filwaqt li l-polza ghandha tigi interpretata kemm jista' jkun sabiex tkopri d-dannu, min-naha l-ohra wiehed ma jistax jiskarta l-polza kompletament u jiehu decizjonijiet unilaterali kif ghamel l-ilmentatur. Ghalhekk din ir-raguni li ta l-ilmentatur mhix wahda gusta, ekwa u ragonevoli.

c. *Il-perjodu ghan-notifika tal-claim* - **Sabiex wiehed jasal ghad-decizjoni jekk id-dewmien ghan-notifika tal-*claim* ikunx gustifikat, ghandu jqis ukoll l-entità tad-dewmien u jekk id-dewmien huwiex gustifikat**.

L-Arbitru digà iddecieda li d-dewmien ma kienx gustifikat u jqis ukoll li l-ilmentatur dam wisq ma ghamel il-*claim*. Il-perjodu ta' sitt xhur biex xi hadd jaghmel *claim* huwa perjodu twil u difficli jigi gustifikat. Mill-provi li tressqu quddiemu, l-Arbitru jqis li l-ilmentatur dam wisq biex ghamel il-*claim* meta l-polza kienet tghid car u tond li:

*'6. As soon as you become aware of an event or cause that may lead to a claim under this Policy, you or your legal representative must:*

*a. tell us immediately and provide us at your own expense with all the information and help we need …'.*[12]

**Decizjoni**

Ghalhekk, ghar-ragunijiet moghtija aktar 'il fuq f'din id-decizjoni, l-Arbitru jqis li l-provditur tas-servizz kien gustifikat jirrifjuta l-*claim* minhabba dewmien eccessiv min-naha tal-ilmentatur biex jaghmel il-*claim* ghaliex dan id-dewmien kien ta' pregudizzju ghall-provditur tas-servizz, u ghaliex l-ilmentatur ma kellu l-ebda raguni valida sabiex jaghmel il-*claim* daqshekk tard.

**Ghaldaqstant l-Arbitru qed jichad l-ilment.**

**Peress li l-Arbitru sab li l-provditur tas-servizz kien gustifkat jichad il-*claim*, kull ezercizzju iehor min-naha tal-Arbitru dwar ir-ragunijiet l-ohra li ta l-provditur tas-servizz biex jichad l-ilment ikunu superfluwi u minghajr ebda htiega.**

**Peress li l-Arbitru cahad l-eccezzjoni tal-provditur tas-servizz dwar l-allegazzjoni ta' frodi min-naha tal-ilmentatur, u laqa' l-eccezzjoni dwar dewmien fin-notifika tal-*claim*, kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' din il-procedura.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

[12] P 138.